# RADJU MARIJA

102.3FM/107.8FM

# Aw Qalbi!



Skeda Ġdida Paġna 6-7

XITWA 2026

Pubblikazzjoni Assoċjazzjoni Radju Marija (Malta)
Nru 108 - VO/1584
Jannar - Marzu 2026



# “Qalbi”

“Aw qalbi!” Din il-frażi tista’ toħorġilna bħala għajta u ferħ għal persuna li nkunu ilna ma naraw jew inkella b’mod sieket u kważi minn taħt l-ilsien, għal xi ħadd li għaddej minn inkwiet jew xi trawma.

Xi kultant ngħiduha bil-gost u l-pjaċir għax naraw trabi jew tfal u nifirħu bl-innoċenza tagħhom. Għeżież, Radju Marija jixtieq ikun dan kollu għalikom, għal sena oħra, b’mod fidil u konsistenti, kif ilu jagħmel għal dawn l-aħħar tletin sena. GRAZZI għax bil-ġenerożità tagħkom stajna nagħmlu dan kollu.

Aħna nixtiequ nirringrazzjawkom għax xi kultant lilna għedtulna kliem ta’ faraġ, ta’ ferħ, ta’ entużjażmu kif ukoll ta’ kuraġġ, permezz tat-telefonati tagħkom jew messaġġi, ittri jew emails.

Meta jiġu mumenti fejn naħsbuna li qed nagħżqu fl-ilma, taslilna xhieda ta’ xi konverżjoni u meta naħsbu li ħadd ma jagħti kas, tisma’ min jgħidlek li biddilnielu ħajtu jew li qed jgħix bina biss. GRAZZI għax kull darba dan ifisser li qed taqbduna minn spallejna u tgħidulna “AW QALBI.” Grazzi li intom tassew magħna mill-qalb.

**Fr Antoine Borg**
*Direttur Radju Marija Malta*

# *Tbissimli waħda...*



It-tbissima li nagħtu lil xulxin tfisser qalb mimlija gratitudni u mħabba.  Aħna ta' Radju Marija, familja waħda li nisimgħu u ngħixu kuljum ma' dan l-istazzjon.  F'kull ħin tal-ġurnata huwa jibqa' s-sieħeb fidil ta' kull wieħed u waħda minna — bħall-ħabib li jżommlok idejk meta tħossok waħdek, bħal-leħen li jserraħlek moħħok meta l-qalb tkun imtaqqla.

Int, flimkien magħna, qalb ħajja ta' din il-missjoni.  Kull talba, kull kelma ta' faraġ u kull mument ta' fidi li naqsmu flimkien, jagħmlu mill-istazzjon tagħna, mhux biss radju, imma komunità li tħobb u tgħix bil-preżenza ħajja ta' Ġesù u Ommna Marija.
F'dinja li kultant tinħass kiesħa u mgħaġġla, Radju Marija jibqa' jfawwar bil-faraġ, dawl u tenerezza, ħerġin mill-qalb ħanina ta' Alla nnifsu u tħallih ikellem lilha.

Nitolbu flimkien biex dan l-istazzjon ikompli jnissel aktar imħabba, aktar fejqan u aktar tama f'kull qalb.  GRAZZI talli dejjem tibqa' f'għaqda  sħiħa mal-vuċi ta' Ommna Marija, li tħaddan lil kulħadd bi ħlewwa materna u mħabba divina.
B'tislijiet ta' paċi u barka,

**Bridget Micallef**
*President*

2026

# IL-PELLEGRINAĠĠ TA' FRANZA
## 24 sa 31 TA' MEJJU 2026

*Radju Marija qed jorganizza pellegrinaġġ fi Franza, li jsaħħaħ il-Fidi u jqawwi r-relazzjoni ma' Kristu.*

*Se nżuru postijiet bħal: Lisieux, Mont Saint Michel, Nevers, id-dar ta' Jean Marie Vianney, il-kappella fejn Mary Alacoque kellha d-dehriet, eċċ.*

*Fr Antoine Borg u tour guide voluntier ma' Radju Marija se jkunu parti mill-grupp.*



# IL-PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES
## 25 sa 29 TA' LULJU 2026





*Għal aktar dettalji ċemplu fuq in-numru tar-reception ta' Radju Marija waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.*



*Mont Saint Michel*

# IL-PELLEGRINAĠĠ GĦAL MEDJUGORJE
## 21 sa 28 TA' AWWISSU 2026



Knisja ta' San Ġakbu



Fr Antoine ġewwa l-Knisja ta' Tahaljina



Fr Antoine fil-knisja tal-Ħniena Divina f'Surmanci



Fr Antoine Borg u Bridget Micallef fil-knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Tahaljina



Għolja tal-Apparizzjoni

*Għal aktar dettalji ċemplu fuq in-numru tar-reception ta' Radju Marija waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.*

# RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

## Skeda Programmi
28 ta' Diċembru 2025 - 28 ta' Marzu 2026

| ĦIN | ĦADD | TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7.00am | 7.30: Jum il-Mulej | Rużarju, Quddiesa u Anġelus | | | | | |
| 8.05am | (8.15am) Tifħir ta' Sbieħ il-Jum | Kuntatt, Tifħir ta' Sbieħ il-Jum & Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi | | | | | |
| 9.00am | (8.40am) Aħbar ta' Ferħ | Lectio Divina & Milli Qrajt | | | | | |
| 9.30am | Il-Miraklu ta' Radju Marija | ikompli Kuntatt | Għalik kollox | ikompli Kuntatt | | | |
| 10.00am | Quddiesa | | Mid-Direttur | | | | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca |
| 10.45am | Rużarju tal-Paċi | | | | | | |
| 11.00am | Kireh u Bileh | Confessio | Kristu Ibieraħ, illum u dejjem | Ftit minn kollox | Nibnu u ngħixu kultura tal-Ħajja | L-Aħħar Qatra | Mid-Djarju tal-Papa |
| 12.00pm | Anġelus, Rużarju & Talb ta' Nofs il-Jum | | | | | | |
| 12.30pm | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Dmugħ tal-Verġni | Rużarju ta' San Mikiel |
| 1.00pm | Mal-Melodija Maltija | Klassiċi u Sagri | Mal-Melodija Maltija | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu | Magazine |
| 2.00pm | Ħadd Kumpanija | Jien hu l-Ħobż tal-Ħajja | Drammi - Tlajja' u nżul | Qari - Il-Feddej | Il-Miraklu ta' Radju Marija | L-Istqarrijiet ta' Santu Wistin | |
| 2.30pm | | | Avviżi Komunitarji | Relazzjonijiet | Spirtu s-Santu merħba bik | Avviżi Komunitarji | |
| 3.00pm | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30pm | Ħadd Kumpanija (ikompli) | Omelija minn Ta' Pinu | | | | | Omelija mid-Djoċesi t'Għawdex |
| 4.00pm | | Għandi Tweġiba (A) | Fl-iskola ta' San Piju | Irridu nkunu ħbieb t'Alla | Mid-Djarju tal-Papa | Għejjun ta' ilma frisk u dejjem ħaj (A) | Kireh u Bileh |
| 4.30pm | | | | Balzmu fuq il-Feriti (A) | | Għal ħajja aħjar (minn Kuntatt) | |
| 5.00pm | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati | Għanjiet il-Qalb | Ejjew għandi..u jien inserraħkom | Dominus Flevit | Ħazin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju | Il-mixja lejn maturità spiritwali u psikoloġika | Għandi lilek, għandi kollox |
| 5.30pm | | Lectio Divina & Milli Qrajt | | | | | |
| 6.00pm | Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Dilexit Nos (A) | Quddiesa | | | | | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6.00pm | Rużarju | | | | | | |
| 6.30pm | Dilexit Nos (A) | Quddiesa | | | | | |
| 7.10pm | Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi - Għasar - Novena | | | | | | |
| 7.25pm | Qari Skrittura | Aħbarijiet minn Radju Vatikan | | | | | Katekeżi minn Papa Franġisku |
| 7.40pm | Ħsieb minn D.Mikiel Borg | Omelija mill-Arċidjoċesi ta' Malta | | | | | Ħsieb minn D.Mikiel Borg |
| 8.00pm | Magazine | Il-marid - L-Ambaxxatur ta' Kristu fit-Tbatija | Tweġiba Kattolika | Ara Ommok | Imxi magħna Tereża | Serħan il-moħħ u l-qalb (A) | Aħbar ta' ferħ |
| 8.30pm | | | | | | | |
| 9.00pm | | Inbid Ġdid | | Għajn ta' Ġid | Mis-Swali tal-Kunċerti | Vuċi Missjunarja | Klassiċi u Sagri |
| 9.30pm | | | | | | | |
| 10.00pm | Rużarju, Eżami tal-ġurnata u Kompieta | | | | | | |
| 11.00pm | Jum il-Mulej | Nibnu u ngħixu kultura tal-ħajja | Nixtarru kitbet San Ġorġ Preca | Confessio | Fanal għal riġlejna (Lectio) | Mid-Direttur | Kristu Ibieraħ, illum u dejjem |
| 11.30pm | | | | | | | |
| | **TNEJN** | **TLIETA** | **ERBGĦA** | **ĦAMIS** | **ĠIMGĦA** | **SIBT** | **ĦADD** |
| 12.00am | Mis-Swali tal-Kunċerti | Għandi lilek, għandi kollox | Serħan il-moħħ u l-qalb | Jien hu l-Ħobż tal-ħajja | Tifkiriet ta' Nostalġija | L-Armonija fl-għanja Nisranija | Għannu lil ismu |
| 1.00am | Irridu nkunu ħbieb t'Alla | Il-Miraklu ta' Radju Marija | Qari Skrittura | Għanjiet il-Qalb | Relazzjonijiet | Ħazin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju | Drammi - Tlajja' u nżul |
| 1.30am | Rużarju tal-Erwieħ & Novena | Rużarju ta' San Mikiel & Novena | Rużarju ta' San Ġużepp & Novena | Rużarju tal-Erwieħ & Novena | Rużarju tad-Duluri & Novena | Rużarju ta' San Mikiel & Novena | Rużarju ta' San Mikiel & Novena |
| 2.00am | Aħbar ta' Ferħ | L-Aħħar Qatra | Dilexit Nos | Solidarjetà ma' ħutna ppersegwitati | Ara Ommok | Il-marid - L-Ambaxxatur ta' Kristu fit-Tbatija | Vuċi Missjunarja |
| 2.30am | | | Għejjun ta' ilma frisk u dejjem ħaj | | | | |
| 3.00am | Kurunella tal-Ħniena Divina | | | | | | |
| 3.30am | Balzmu fuq il-Feriti | Qari - L-Istqarrijiet ta' S.Wistin | Għal ħajja aħjar | Għalik kollox | Dominus Flevit | Qari - Il-Feddej | Ejjew għandi.. U jien inserraħkom |
| 4.00am | Rużarju | | | | | | |
| 4.30am | Imxi magħna Tereża | Magazine | Vuċi Missjunarja | Fl-iskola ta' S.Piju ta' Pietrelcina | Ftit minn kollox | Tweġiba Kattolika | Mid-Djarju tal-Papa (rpt) |
| 5.00am | | | | | | | |
| 5.30am | Il-mixja lejn maturità spiritwali u psikoloġika | | Fanal għal riġlejna (Lectio Divina) | Inbid Ġdid | Għajn ta' Ġid | | X'għadek tiftakar mill-Katekiżmu? (A) |
| 6.00am | Spirtu s-Santu Merħba bik | | | | | | Uffiċċju tal-Qari |
| 6.30am | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Ġużepp | Rużarju tal-Erwieħ | Rużarju tad-Duluri | Rużarju ta' San Mikiel | Rużarju ta' San Mikiel |

**Abjad = L-ewwel Xandira** | **Ċelest = Repetizzjoni** | **(A) = Arkivji**

**Radju Marija jirriserva d-dritt li jbiddel xi programmi minn din l-iskeda fiż-żmien li tkun qiegħda tixxandar minħabba ċirkustanzi li ma jkollux kontroll fuqhom.

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI

***23 ta' Frar sat-3 ta' April –***
***6 kelliema differenti ta' Eżerċizzi Spiritwali***

RANDAN 2026

**L-Ewwel Ġimgħa**
***23 ta' Frar – 27 ta' Frar***
10.30am Sr. Alexandra Chircop
05.30pm Patri Leslie Gatt OSA
10.30pm Rev. Prof. Martin Micallef

**It-Tieni Ġimgħa**
***2 ta' Marzu – 6 ta' Marzu***
10.30am Rev. Prof. Martin Micallef
05.30pm Sr. Alexandra Chircop
10.30pm Patri Leslie Gatt OSA

**It-Tielet Ġimgħa**
***9 ta' Marzu – 13 ta' Marzu***
10.30am Patri Leslie Gatt OSA
05.30pm Rev.Prof.Martin Micallef
10.30pm Sr. Alexandra Chircop

**Ir-Raba' Ġimgħa**
***16 ta' Marzu – 20 ta' Marzu***
10.30am Rev. Prof. Alan Adami OP
05.30pm Josette Spiteri
(Soċjetà tal-Museum Sezzjoni Nisa)
10.30pm Mons Prof.Lawrenz Sciberras

**l-Ħames Ġimgħa**
***23 ta' Marzu – 27 ta' Marzu***
10.30am Mons Prof. Lawrenz Sciberras
05.30pm Rev. Prof. Alan Adami OP
10.30pm Josette Spiteri
(Soċjetà tal-Museum Sezzjoni Nisa)

**Is-Sitt Ġimgħa**
***30 ta' Marzu – 3 ta' April***
10.30am Josette Spiteri
(Soċjetà tal-Museum Sezzjoni Nisa)
05.30pm Mons Prof. Lawrenz Sciberras
10.30pm Rev. Prof. Alan Adami OP


Rev. Prof. Alan Adami OP


Josette Spiteri


Patri Leslie Gatt OSA


Mons Prof.Lawrenz Sciberras


Sr. Alexandra Chircop


Rev. Prof. Martin Micallef

## Xandiriet LIVE ta' ċelebrazzjonijiet

**Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu fil-05.00pm sat-08.00pm**
- *Purċissjoni u Quddiesa tad-Duluri mill-parroċċa t'Għajnsielem Għawdex*

**Il-Ħadd 29  ta' Marzu fl-10.00am**
- *Quddiesa ta' Ħadd il-Palm minn Ta' Pinu Għawdex*

**Il-Ħamis 2 ta' April fid-9.30am**
- *Quddiesa tat-Tberik taż-Żjut Mill-Kon Katidral ta' San Ġwann il-Belt*

**Il-Ħamis 2 ta' April fis-6.30pm**
- *Quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka minn Ta' Pinu Għawdex*

**Il-Ħamis 2 ta' April fit-08.00pm**
- *Is-Seba' viżti ma' Lelio Spiteri minn diversi parroċċi f'Għawdex*

**Il-Ġimgħa 3 ta' April fit-3.00pm**
- *Funzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira minn Ta' Pinu Għawdex*

**Is-Sibt 4 ta' April fit-8.00am sal-12.00pm**
- *Xandira mill-Parroċċa ta' Għajnsielem b'kollegament mas-Santwarju f'Ta Pinu għas-Siegħa tal-Omm*

**Is-Sibt 4 ta' April fit-8.00pm**
- *Quddiesa tal-Vġili tal-Għid Imqaddes minn Ta' Pinu Għawdex*

**Il-Ħadd 5 ta' April fl-10.00am**
- *Quddiesa ta' Ħadd il-Għid minn Ta' Pinu Għawdex*

***Il-Via Sagra tixxandar kuljum minflok it-talba tar-Rużarju tas-6pm***

## DATI IMPORTANTI TAR-RANDAN U TAL-ĠIMGĦA MQADDSA 2026

| | |
|---|---|
| 18 ta' Frar- | **L-Erbgħa tal-Irmied** |
| 23 ta' Frar sat- 3 ta' April - | **6 kelliema differenti ta' Eżerċizzi Spiritwali** |
| 27 ta' Marzu - | **Id-Duluri** |
| 29 ta' Marzu - | **Ħadd il-Palm: Bidu tal-Ġimgħa Mqaddsa** |
| 2 ta' April - | **Ħamis ix-Xirka** |
| 3 ta' April - | **Il-Ġimgħa l-Kbira** |
| 4 ta' April – | **Il-Vġili tal-Għid Imqaddes** |
| 5 ta' April - | **L-Għid il-Kbir** |



Marija,
urina l-għażliet tal-ħajja,
farraġna fi żmien il-prova,
ħalli b'hekk fidili lejn
Alla u lejn il-bniedem,
naffrontaw b'umiltà, u b'kuraġġ
it-triqat misterjużi tas-sema,
biex inwasslu f'moħħ u f'qalb kull
persuna l-aħbar it-tajba ta'
Kristu Redentur tal-bniedem.
Marija, kewkba tal-evanġelizzazzjoni,
imxi magħna,
mexxi lil Radju Marija
u kun il-protettriċi tiegħu.

RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

# *Grazzi tas-sapport tiegħek lil Radju Marija!*

## *Biex tgħin lil Radju Marija jkompli l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni, inti tista':*

Tħalli d-donazzjoni tiegħek fir-reception ta' Radju Marija - 40, Triq San Vinċenz Ferreri, ir-Rabat, Malta, fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Tibgħat donazzjoni b'sms:
5061 8063 għal donazzjoni ta' €4.66
5061 9278 għal donazzjoni ta' €11.65

Tibgħat donazzjoni billi ċċempel:
5160 2046 għal donazzjoni ta' €10.00
5170 2019 għal donazzjoni ta' €15.00
5180 2047 għal donazzjoni ta' €25.00
5190 2091 għal donazzjoni ta' €50.00

Tibgħat ċekk pagabbli lil **Assoċjazzjoni Radio Marija Malta**
40, Triq San Vinċenz Ferreri, Rabat, RBT 2503
(ċekkijiet ta' €20 jew inqas ma jissarrfux).
Tibgħat Money Order pagabbli lil Radju Marija.

**BOV IBAN:**
MT09VALL2201 3000 0000 1460 9142 012
Numru tal-Kont: 1460 9142 012

**APS IBAN:**
MT31APSB7705 7006 0638 2000 0834 148
Numru tal-Kont: 2000 0834 148

**HSBC IBAN:**
MT05MMEB4458 7000 0000 5803 0875 050
Numru tal-Kont: 0580 3087 5050

Tagħti donazzjoni lil Radju Marija permezz tal-BOV Mobile App bin-numru 79453107.

*Grazzi*

# Servizzi offruti minn Radju Marija

## Avviżi ta' mwiet u tifkiriet ta' anniversarji fuq Radju Marija

Dawn jixxandru kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa fit-8.00am, fil-11.55am u fl-3.55pm, u kull nhar ta' Sibt fit-8.00am biss.

Importanti li l-avviżi jiġu ppreżentati fir-Reception ta' Radju Marija fil-ħinijiet tal-ftuħ.

Min jippreżenta l-avviż irid ukoll jippreżenta l-karta tal-identità. Ma jiġux aċċettati avviżi permezz tat-telefon.

## Avviżi komunitarji mxandra kuljum fuq Radju Marija

Il-parroċċi u l-għaqdiet li jixtiequ jxandru l-attivitajiet tagħhom huma mistiedna biex jibgħatu l-avviż sa mhux aktar tard minn ġimgħa qabel fuq info.mal@radiomaria.org

L-attivitajiet għandhom ikunu ta' natura reliġjuża jew ta' formazzjoni nisranija u ma jistgħux jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hija fid-diskrezzjoni tad-direzzjoni ta' Radju Marija meta u kemm-il darba jixxandar l-avviż.

Intom is-semmiegħa tistgħu tikkomunikaw magħna fil-ħin ta' Kuntatt b'messaġġi, talb, intenzjonijiet u poeżiji permezz tal-app tal-whatsapp fuq in-numru:

**9930 6795**


RADJU MARIJA
102.3FM/107.8FM

40, Triq San Vinċenz Ferreri,
ir-Rabat, Malta RBT 2503

+356 2145 3105 - **Studio Live :21453106**

info.mal@radiomaria.org

Radju Marija Malta

www.radjumarija.org
VO/1584